Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

Il-Pulizija
vs
Marita Mercieca.

Seduta tal-lum 12 ta' Dicembru, 2001

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Marita Mercieca, mart Raymond, bint Michael Bugeja karta tal-identita' numru 68 (G) akkuzata talli fis-6 ta' Gunju 1998 ghall-habta ta' xi 6.30pm., fi Triq Ta' Gokk, Xewkija, Ghawdex, waqt li kont qed issuq van Nru. KBA 668, Nissan Vannette, bi traskuragni, b' nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni, jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkagunajt griehi gravi fuq il-persuna ta' Matthew Xerri, mix-Xewkija, skond ma' ccertifika t-tabib Dr. Ian Galea, MD, ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex.

Il-Prosekuzzjoni talbet li f'kaz ta' htija l-Qorti timpedixxi l-imputata milli jkollha jew tottjeni licenzja tas-sewqan ghal-perjodu li jidrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-process verbal;

Semghet lill-partijiet u id-difensuri taghhom u rat in-noti ta' sottomissjonijiet minnhom maghmula;

Ikkunsidrat:

Illi dan l-incident sehh hekk kif l-imputata kienet qed issuq il-van taghha u avvicinat parti ta' triq li xi xhieda irriferew ghaliha bhala pjazza meta Mathew Xerri ta' 5 snin gie minn fuq ix-xellug taghha u l-istess tfajjel spicca korrut gravement meta sehh l-inkontru bejn it-tnejn.

Illi minn dak li ikkonstatat il-Qorti waqt il-kumpilazzjoni tal-provi kif ukoll mill-access minnha mizmum, jirrizulta illi fid-data tal-incident il-lok kien xi ftit differenti billi t-triq ma kienitx asfaltata kif irrizultat fid-data tal-access, bil-konsegwenza illi proprju fejn sar l-impatt jista' jitqies li huwa tarf ta' triq twila li tispicca f'wesgha akbar. Il-vettura tal-imputata tista' titqies li kienet posizzjonata b'mod korrett minkejja din id-dizordni fit-triq ghaliex hija kienet qed izzomm distanza ragjonevoli 'l hinn mill-bankina peress illi kien hemm vetturi u truck ipparkjati fuq ix-xellug taghha.

L-imputata fi kliemha tghid illi fuq in-naha tax-xellug kien hemm "serbut karozzi'. Gara illi meta l-imputata kienet ghaddejja bil-van taghha lemhet xi tfal jilghaqbu fuq in-naha tal-lemin taghha u rat lil tifel minnhom jaghmel sinjal fid-direzzjoni taghha. Dan is-sinjal kien intenzjonat ghal-huh, u cioe Mathew Xerri, li dak il-hin kien bil-bicikletta tieghu, niezel mir-rampa tal-garage possibilment biex imur hdejn huh. Dak il-hin il-van tal-imputata kien qieghed b'mod parallell mal-garage u malli Mathew nizel mir-rampa sar l-impatt mal-parti tax-xellug ta' quddiem tal-vann; Fil-gurnata tal-incident ir-rampa kienet aktar angolata peress illi t-triq kienet baxxa u cioe qabel ma kienet asfaltata.

Illi f'kawza ta' din in-natura jehtieg, *inter alia*, li jkun stabilit jekk l-imputata kienitx ghadejja b'velocita aktar milli jmissha. Quddiem din il-Qorti l-imputata xehedet illi meta dahlet fit-triq fejn gara l-incident u kisret fuq ix-xellug, innutat serbut karozzi fuq dik in-naha tat-triq. L-istat ta' din it-triq kienet kollha trab u hofor mhux kif deheret fid-data tal-access. Hi innotat ammont ta' tfal jilghabu u qadet b'seba ghajnejn li ma jaqsam hadd. Fuq il-lemin innutat tifel qed jaghmel mossa u f'daqqa wahda hasset daqqa. Hi qalet li kienet rat numru mhux hazin ta' tfal fil-"pjazza", aktar minn 20 u zgur li ma kienitx miexja. Il-pjanta tal-perit

tekniku innomat waqt l-inkjesta turi illi l-imputata ma kienitx ghaddejja b'xi velocita eccessiva anzi wahda prudenti. Dan hu indikat mill-fatt illi hija waqfet immedjatament mal-impatt; minn nuqqas ta' brake marks li f'kazijiet ta' sewqan eccessiv zgur li ma jkunux negligibbli bhal f'dan il-kaz.

Jehtieg, izda, li jkun ezaminat jekk l-imputata kienetx qed izzomm "a proper look out" ghaliex anke bi speed baxx persuna tista' tkun distratta u tikkawza incident cio nonostante. Mix-xhieda li semghet il-Qorti jirrizulta illi l-impuata kienet ghaddejja b'mod regolari fit-triq sakemm waslet fl-hekk imsejha pjazza meta allura rat madwar ghoxrin tifel jilghabu fuq il-lemin taghha u immedjatament ghamlet attenzjoni akbar sabiex tizgura li ma jaqsam hadd minnhom. Minn din l-attenzjoni kollha, kellha titfa harsitha lejn wiehed mit-tfal li ghamel mossa b'idu. Fl-istess istanti hasset daqqa fuq il-vann u saret il-habta. X'inhu ghalhekk il-grad ta' proper look out f'dawn ic-cirkostanzi? Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-parte civile tirritjeni illi "F'cirkostanzi meta jkun hemm tfal jilghabu fit-triq huwa dmir ts-sewwieqa li ssuq dead slow; minflok, l-akkuzata saqet b'velocita' li ma kienitx adegwata ghac-cirkostanzi, "la tghaggel u lanqas bil-mod", skond ix-xhieda ta' Aidan Xerri li ra l-incident isehh." Is-sottomissjoni tal-parte civile mhux korrett fejn din tirrigwarda l-allegata velocita u dan ghaliex li kienku l-velocita' kienet wahda qawwija, fi triq maghmula mit-trab u mhux asfalt, l-vettura kienet tikaxkar ferm aktar 'l quddiem qabel tieqaf u mhux tieqaf b'mod illi t-tifel Mathew Xerri inhareg minn hdejn ir-rota li kaxkritu minn siequ. Ikun innutat illi l-vann ma ghaddiex minn fuq sieq Mathew ghaliex mad-daqqa mal-bonnett l-imputata applikat il-brakes u ghalhekk sieq Mathew inhakment mill-istess rota. In-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputata dwar l-obbligu tal-proper look out minn naha 'l ohra aktar tenfasizza id-doveri tal-"pedestrian" li qed jaqsam it-triq meta hawn si tratta mhux ta' pedestrian qua persuna li ghandha tkun waheda fi triq u qed tittanta taqsam, izda ta' tifel ta' hames snin jilghab bil-bicikletta tieghu f'dik li ghalih hija pjazza u li dak il-hin kien niezel minn rampa ta' garage allura b'velocita' u nuqqas ta' kontroll tenut kont l-eta' tenera tieghu. Dan mhux kaz ta' kalkolu hazin da parti ta' pedestrian jew ta' wiehed li jistenna b'xi dritt li jieqfu l-karozzi biex jaqsam – hawnhekk si tratta ta' kaz ben divers fejn tifel qed jilghab fit-triq b'mod innocenti daqs li kieku t-triq kienet xi estensjoni tad-dar tieghu li ghal mument zghir ma kienx vizibbli sia minhabba t-

truck hemm ipparkjat kif ukoll minhabba li huh gibed l-attenzjoni tas-sewwieqa imputata meta ghamel sinjal fid-direzzjoni tieghu u allura fid-direzzjoni tal-imputata. Dak il-grad ta' attenzjoni li qed tistenna l-parte civile mhux ammissibbli f'dawn il-proceduri ghaliex min juza it-triq ghal-skop ta' sewqan ta' vettura ma jistax la jimxi b'dak il-pass hekk kalm li f'kaz li jaqsam xi hadd ma jsirx incident u lanqas joqghod jesplora kull possibilita' li jista' jaqsam xi hadd minn wara vettura. Di piu' huwa ferm importanti li ma nwarbux id-dimensjoni li fih qed ssir din il-kawza u cioe dik kriminali. Mill-azzjoni tal-imputata ma hemm assolutament xejn li jindika li din ikkomettiet rejat. Ma hemm xejn x'juri li l-imputata, fil-kors tas-sewqan taghha, ghamlet dan b'mod traskurat jew negligenti jew b'xi mod li jrui li minkejja li kellha l-obbligu tipprevedi xi cirkostanza dan mhux biss ma ghamlitux izda talli saqet b'mod traskurat cioe nonostante.

Ghall-dawn il-mottivi ma ssib lill-imputata hatja u tilliberaha.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur